MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2009

Numru. 508/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Emanuel Buttigieg bin Joseph u Grace nee' Cutajar, imwieled fit-23 ta' Jannar, 1952 u residenti fil-fond Dar Lunzjata,
Triq il-Mulejja, Fontana, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 8252(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Emanuel Buttigieg li gie akkuzat talli nhar it-28 ta' Gunju, 2008, ghall-habta ta' 21:00hrs u fil-hin ta' qabel bhala persuna li

f'idejh kellu t-tmexxija tal-hanut it-Tmun li jinsab fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, fix-Xlendi, Ghawdex;

1. qieghed jew ippermetta li jitqieghdu mwejjed u siggijiet jew ghamara ohra fuq barra mill-imsemmi stabbiliment turistiku tieghu u barra mill-ispazju allokat lilu mill-Awtoritajiet Kompetenti u dan ghamlu minghajr licenzja ghal daqshekk mill-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti rrizulta illi Emanuel Buttigieg l-imputat, bhala substitute ppermetta illi jitqieghdu siggijiet u mwejjed barra l-istabbiliment li kien qed jiehu hsieb aktar minn dak permess fil-licenzja;

Illi mix-xhieda tas-Surgent Emanuel Cilia rrizulta illi kien hemm ghaxar (10) imwejjed barra meta fil-licenzja hemm indikat illi jistghu jitqieghdu sitta (6) biss;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat r-Regolament 15(1) u 23(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.08, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------